MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1476/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Raymond Aquilina]**

**vs**

**Alessio Micallef**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alessio Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 569782(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-sena 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkorrompa lil Francis Catania, ufficjal fid-Direttorat tal-Licenzji, u dan sabiex Francis Catania jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali;

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;
4. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Kif ukoll sar ricediv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 21 ta’ Gunju 2006 liema sentenza hija wahda definittiva u ma tistghax tigi mibdula;

Rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u rega’ ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu;

Rat l-addebita tar-recediva, izda nnutat li r-reat l-iehor kien wiehed involontarju u ghalhekk ma tapplikax;

Ghaldaqstant, u wara li rat l-Artikoli 18, 42, 49 et seq, 185(1), 115(a),(b) u (c), 120(1), 121A(1) u 121A(2) tal-Kodici Kriminali qed issib lill-imputat Alessio Micallef hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief l-addebitu tar-recediva u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------